# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-71 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 22 ta' April 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**71.01 Talba**

71.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**71.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

71.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**71.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 70**

71.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 70 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Viċi Sindku issekonda.

**71.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.04.01 Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sciberras ġie kkuntattjat mis-Sur Abdilla minn *Districts Operations Ltd* dwar persuna li kienet f'Kunsill Lokali ieħor fuq l-iskema *CWSEF*, u li għal raġunijiet personali, din talbet sabiex taħdem minn post differenti. Il-Kunsillier Sciberras flimkien mas-Sindku ħatfu din l-opportunità sabiex ma jintilifx iċ-ċans li l-Kunsill iżid l-istaff klerikali, speċjalment meta din mhux se tkun fuq il-*payroll* tal-Kunsill, kif ukoll meta l-Kunsill verament għandu bżonn iktar *staff* klerikali. Għaldaqstant propju l-Ġimgħa 19 ta' April 2024, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Sciberras u mal-Kunsillier Dingli, intervistaw lil Ms Natasha Vassallo u irrakkomandawha biex taħdem bħala *Receptionist* fl-uffiċċju tal-Kunsill. Ms Vassallo lesta li tibda xogħolha propju minn għada 23 ta' April 2024. Il-membri preżenti kollha qablu ma' dan.

71.04.02 Is-Sindku infurmat li nhar is-6 ta' Mejju 2024, fis-6:00pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill, ser issir laqgħa mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju rigward il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' Ġunju li ġej. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.04.03 Rigward Triq il-Familja Brancati, is-Sindku infurmat li l-*WSC* aċċettaw li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-ħsara li seħħet fit-triq, u qed jikkordinaw ma' IM sabiex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li għandna nżommu lir-residenti infurmati dwar x'inhu għaddej, permezz ta' *post* fuq il-*FB Page* tal-Kunsill.

71.04.04 Is-Sindku infurmat li d-*Deposit Bag* li kienet mitlufa, waslet lura l-uffiċċju propju nhar il-Ġimgħa 19 ta' April 2024, permezz tal-*G4S*. Dan wara li kif ġejna infurmati waqt laqgħa mal-istess *G4S*, bi żvista din il-borża ġiet depożitata minnhom fil-Bank il-ħażin. Is-Sindku fakkret lis-SE sabiex issir talba ta' kumpens lill-*G4S* għaliex dan il-każ sewa lill-Kunsill spejjeż għal pariri legali kif ukoll enerġija u ħin tal-istaff amministrattiv u klerikali. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.04.05 Rigward iċ-*Charging Pillars*, is-Sindku infurmat li flimkien mal-lista kif maqbul waqt laqgħa tal-kunsill, bgħatna suġġeriment ieħor sabiex tiġi kkunsidrata l-installazzjoni ta' *charging pillar* oħra fi Triq il-Qrendi (fejn ġieli jipparkjaw xi *caravans*) għaliex hemm spazju biżżejjed għaliha u m'hi se ttellef 'l ħadd. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.04.06 Is-Sindku infurmat li r-*road hump* fi Triq il-Ħajt tal-Matla, spiċċat maqlugħa u mqatta' waqt ix-xogħlijiet li kien hemm għaddejjin fit-triq mill-Korporazzjoni Enemalta. Min-naħa tal-Kunsill intbagħtet korrispondenza lill-Enemalta sabiex jerġgħu jipprovdu /jinstallaw l-imsemmija *humps* kif oriġinarjament kienu qabel beda x-xogħol fit-triq. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.04.07 Rigward ir-*roundabout* tal-Mentna, is-Sindku infurmat li l-emblema tal-Imqabba diġà inħadmet u mil-jiem li ġejjin, Ambjent Malta se jkunu qed jaħdmu fuq dan il-proġett ta' tisbiħ ta' din ir-*roundabout*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.04.08 Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa li kellha mad-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing Department* u mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield dwar il-problema ta' trabijiet fi Triq tas-Sejba, L-Imqabba. Hija fakkret f'laqgħa li kellha xhur ilu, fejn kienet ingħatat il-parir sabiex il-Kunsill jistenna ftit qabel jerġa' joħroġ it-*tender* tal-knis għaliex x'aktarx li x-xogħol ser jiġi ċentralizzat. Is-Sindku kompliet billi infurmat li l-Kunsill Lokali ser ikollu l-possibiltà li jiffirma *MOU* mal-*Cleansing Department* għal 5 snin, fejn l-ispejjeż tas-servizz tal-knis u tindif tat-toroq, jinqatgħu direttament mill-allokazzjoni tal-Kunsill jew inkella l-*Cleansing* jibgħat il-kont lill-Kunsill. B'dan l-*MOU*, il-Kunsill ikun pprovdut bi 3 kenniesa u darba iva u darba le isir it-tindif bil-magni. Fl-opinjoni tas-Sindku, permezz ta' dan l-*MOU* għandna mmorru tajjeb, meta tikkunsidra l-fatt li fil-preżent qed naħdmu b'kennies wieħed biss. Is-Sindku kompliet li jekk il-Kunsill jaqbel u jiġi ffirmat dan l-*MOU*, ladarba jinħareġ mis-Segretarju Permanenti, ikun aqli li ma nitterminawx minnufih is-servizz li qed nieħdu mill-kuntrattur qabel ma vermaent jibda jingħata s-servizz mill-*Cleansing* sabiex it-tindif fir-raħal ma jieqafx. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dan u qablu li għandu jiġi ffirmat l-*MOU*.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


71.04.09 Is-Sindku semmiet li hi u s-SE irċevew taħrika ta xhud b'relazzjoni mal-każ li kien seħħ waqt ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, li kien hemm għaddejjin mil-kuntrattur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Is-seduta hija skedata għal nhar it-2 ta' Mejju 2024. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.04.10 Is-Sindku infurmat li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, se tkun qed torganizza *Buffet Breakfast* li se jsir nhar id-9 ta'Mejju 2024 ġewwa l-*Labranda Riviera Resort & Spa*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**71.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

71.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa x'sar mil-lampi tat-triq installati f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira u fi Triq l-Aħwa Ghigo. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsillieri huma kollha ikkuppjati fl-*emails* dwar x'sar fuq it-tali lampi. Is-SE spjegat li l-lampa ta' Triq l-Aħwa Ghigo u l-ewwel waħda li ġiet installata f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, qed nistennew li jiġu mqabbda mill-Enemalta, filwaqt li l-aħħar waħda li ġiet installata f'Misraħ Missjoni qiegħda fil-proċess tal-*STL*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.05.02 Il-Kunsillier Sciberras fakkar dwar skeda li kienet issemmiet fil-passat fejn fiha jinġabru l-każijiet li jistaqsu dwarhom il-Kunsillieri flimkien ma' ilmenti u suġġerimenti li jiġu diskussi waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Dan sabiex permezz ta' din l-iskeda, li għandha tkun aġġornata mis-SE, il-Kunsillieri jkunu notifikati dwar xi jkun ġara mit-tali każijiet. Kien hemm qbil li minkejja li wasalna fl-aħħar ta' din il-Leġiżlatura, din hija sistema li għandha ssir.

71.05.03 Il-Kunsillier Decelis fakkar dwar tappiera tal-ilma fi Triq Ħal Kirkop li fl-opinjoni tiegħu, il-manutenzjoni li saret fuqha, ma saritx kif suppost. Is-Sindku infurmatu li hija reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-*WSC* dwarha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**71.06 Aġġornament dwar Proġetti**

71.06.01 Rigward il-Proġett tal-Ġnien tal-Mentna, is-Sindku infurmat li x-xogħol tlesta u anke l-pedestall tal-plakka ġie nstallat. Il-Kunsillier Decelis semma l-grada li kien issuġġerixxa li ssir fl-entratura tal-ġnien, fejn is-Sindku infurmatu li l-ħaddiem tal-Kunsill qed jaħdem fuq id-diżinn tagħha. Is-SE kompliet li jidher li hemm ftit problema kemm minħabba li hemm ir-rampa, kif ukoll minħabba li ċ-ċint huwa baxx. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li nistennew id-diżinn u nimxu minn hemm.

71.06.02 Is-Sindku spjegat li dwar il-proġett tal-*Heritage Trail*, sad-data tal-iskadenza tal-proġett se jkollna kollox lest, fejn hemm l-*istone pillars* li diġà weħlu ħafna minnhom, u l-*perspex* ta' fuqhom kważi lesti, fejn l-*artwork* tagħhom, li jinkludi l-*QR Code* li huwa abbinat mal-informazzjoni storika, li ħadmet fuqha l-*historian*, u li tinsab *online*, huwa lest ukoll. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.06.03 Dwar ir-restawr tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li ninsabu fil-proċess ta' *tendering* fejn wasalna fl-istadju tal-appell. Hija fakkret lis-SE sabiex iżżomm kuntatt mas-Sur Adrian Mifsud, li qed jaħdem fuq it-*tender*, biex nipproċedu fil-ħin u kif suppost. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.06.04 Is-Sindku qalet li rigward il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella ġiet infurmata li l-Perit tal-Kunsill flimkien mad-*Designer*, għaddew l-informazzjoni mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar, dwar x'tip ta' siġar ser jitħawwlu fil-ġnien. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew ukoll il-periklu preżenti fl-imsemmi ġnien u ġie deċiż li jitneħħa u jintrema l-*playing equipment* kollu li hemm fil-ġnien. Kien hemm qbil ukoll li tittella' *post* fuq il-*FB Page* tal-Kunsill dwar dan.

**71.07 Laqgħa Annwali tal-Lokalità;**

71.07.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri dwar il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li trid tittella' mill-Kunsill. Wara diskussjoni mill-membri, kien hemm qbil li din il-laqgħa tiġi skedata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024 fil-5:00pm ġewwa l-Kunsill Lokali, fejn wara ssegwi l-laqgħa tal-Kunsill fis-6:00pm.

**71.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

71.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-SE ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew moqrija u diskussi, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għalihom.

71.08.02 Il-Viċi Sindku semma li min naħa tiegħu huwa attenda l-*Planning Board Meeting* biex ressaq il-vot tal-Kunsill dwar *PA 08500/21 - Tas-Sejba Recycling Plant, Triq tas-Sejba, Triq il-Parrocca, Sqaq Nru. 1, Mqabba* kif maqbul fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**71.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

71.09.01 Korrispondenza mingħand *Transport Malta* dwar iż-żewġ *Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders* – waħda fi Triq in-Nazzarenu u oħra fi Triq il-Katakombi, fejn infurmawna li t-tali *bays* ġew implimentanti min-naħa tagħhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.09.02 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar PQ 17730 - L-Imqabba - Ġnien il-Ġublew tad-Djamanti – Xogħlijiet fejn is-SE qalet li weġibna għal din il-Mistoqsija Parlamentari li tirrigwardja l-plakek kommemorattivi li tneħħew mill-ġnien. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.09.03 Korrispondenza mingħand il-*WSC* dwar skart ta' kostruzzjoni li tħalla fit-triq fi Triq tas-Sejba kantuniera ma' Triq il-Parroċċa. Is-SE spjegat li minkejja li ma kienetx daqstant faċli sabiex ġie identifikat minn min tħalla l-iskart imsemmi, il-

*WSC* ikkonfermaw li l-iskart ħallewh huma u li ser ineħħuh. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.09.04 Korrispondenza rigward il-*bicycle racks* fejn ġejna mitluba nindikaw fejn ser jiġu nstallati eżatt fil-viċinanzi tal-iskola primarja. Il-Kunsillier Sciberras informa li ser jiċċirkola mal-kumplament tal-membri u mas-SE, ritratti ta' fejn ġew suġġeriti li jeħlu l-imsemmija *bicycle racks*, min-naħa tal-iskola. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.09.05 Korrispondenza mingħand Neil Muscat mir-Reġjun Punent dwar *onsite meeting* rigward is-*CCTV Cameras*, li wara li ġie aġġudikat it-*tender* minn-naħa tar-Reġjun, dawn issa ser ikunu jistgħu jiġu nstallati fil-ġimgħat li ġejjin, mill-offerent li rebaħ it-*tender*. Fil-każ tal-Imqabba ser jeħlu fil-Pjazza tal-Knisja, fi Triq il-Barrieri biswit il-*Bring in Sites*, fi Ġnien Tfal ir-Raħal, u fi Ġnien Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.09.06 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni għall-iskema SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025. Is-Sindku spjegat li minflok ħames niċeċ, ġejna infurmati li nistgħu napplikaw fuq tnejn minnhom biss. Din l-iskema hija differenti minn oħrajn, fejn minflok il-Kunsill ser jiġi allokat il-fondi biex iwettaq il-proġett, se jitwettaq ix-xogħol fuq il-proġett mill-ħaddiema tal-Gvern filwaqt li l-Kunsill jiffinanzja l-materjal li jkun meħtieġ. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

71.09.07 Korrispondenza dwar stimi għall-uniformi tal-istaff klerikali /amministrattiv tal-Kunsill, inkluż ta' Ms N. Vassallo li ser tibda taħdem magħna permezz tal-iskema *CWSEF*. Is-SE qalet li l-uniformi għal kulħadd ser tiġi tiswa ammont sostanzjali li jrid jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nipproċedu bl-ordni u x-xiri tal-uniformijiet.

71.09.08 Korrispondenza dwar il-*World Clean-Up Campaign 2024*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jipparteċipa fil-proġett *World Clean-Up Campaign 2024* mar-Reġjun Punent u skond l-istruzzjonijiet kif stipulat fiċ-Ċirkulari SPI/SCI/03/2024. Ġie approvat li l-Kunsill Lokali jiffinanzja d-differenza bejn l-ispiża totali u l-ammont miksub mill-iskema, mill-fondi tiegħu.

**71.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

71.10.01 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li ssir *road hump* fi Triq tas-Sejba viċin il-liwja biswit is-*substation*. Wara diskussjoni sħiħa fejn għandha tiġi nstallata eżatt din il-*hump*, kien hemm qbil li ninfurmaw lir-residenti u lis-sidien tal-garaxxijiet fi Triq tas-Sejba, permezz ta' ittra inluż mappa li tindika l-post eżatt. Kien hemm qbil ukoll li għandna nipproċedu skond ir-rispons li se jkollna.

71.10.02 Il-Kunsillier Dingli semma s-suġġeriment li kien għadda mas-SE biex isiru żewġ *road humps* fit-triq f'Tat-Torba. Is-SE infurmatu li t-talba għalihom saret lil TM, fejn kienet waħda mill-*eForms* li l-istaff kien qed jaħdem fuqhom. Hija kkonfermat

li t-talba saret skond l-aħħar ritratti li bgħatilha hu stess, li jindikaw fejn eżatt jinħtieġ li jiġu nstallati t-tali *humps*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

71.10.03 Il-Kunsillier Dingli ressaq suġġeriment sabiex issir rampa biex il-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għall-Kappella tad-Duluri. F'dan il-punt intqal li dan huwa każ li jrid jaħdem fuqu l-Kappillan tar-raħal, fejn fil-verità hemm bżonn li jsiru żewġ ranep jew waħda sħiħa mill-Kappella sa qabel it-triq. Il-Kunsillier Decelis offra li jkellem lill-Kappillan dwar dan.

71.10.04 Il-Kunsillier Dingli semma s-suġġeriment li kien ressaq dwar *Reserved Communal Parking Bay for Blue Badge Holders* fi Triq il-Barrieri, biex jersaq f'*bay* 'l fuq. Is-SE se tinforma lil TM dwar dan filwaqt li l-membri preżenti ħadu nota.

71.10.05 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li għandha tinxtara l-pompa li kienet ġiet diskussa sabiex ikun jista' jitbattal l-ilma mill-funtana tal-Ġnien tal-Mentna biex titnaddaf. Fuq din kien hemm qbil mill-membri li tinxtara l-pompa.

71.10.06 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li għandna nixtru ċerta għodda għall-ħaddiema tal-Kunsill, bħalma huwa l-*grinder* li nxtara riċentement jew xi *generator* żgħir tad-dawl li żgur ikollhom bżonnu peress li mhux dejjem isibu min isellfilhom id-dawl biex jaħdmu. Fuq din kien hemm qbil mill-Kunsillieri li għandna nitkellmu mal-ħaddiema biex naraw x'hemm bżonn li jinxtara.

71.10.07 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar id-*double yellow lines* fi Triq in-Nazzarenu kantuniera ma' Triq Dun Ġeraldu Mangion u kantuniera ma' Triq Dun Anġlu Mallia, li saru mill-kuntrattur ta' IM wara li sar il-kisi mill-ġdid tat-triq. Dawn il-linji jidher li ġew itwal minn 5 metri kif tippermetti l-liġi u hemm fejn intilfu anke xi *parking spaces*. Fuq din kien hemm qbil mill-Kunsillieri li l-ħaddiema tal-Kunsill imorru jkejlu l-imsemmija linji biex jekk verament huma itwal minn 5 metri, ninfurmaw lil IM sabiex l-linji jsiru kif suppost.

71.10.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar suġġeriment li kien ressaq biex isiru "mustaċċi" ma' *garage* partikolari fi Triq tal-Mentna, inkluż *double yellow line* faċċata tal-istess *garage* għaliex qed ikun hemm problema ta' aċċess peress li l-vetturi huma relattivament kbar. Sciberras kompla b'suġġeriment biex isiru wkoll il-*5 metre double yellow lines* fil-kantunieri tal-istess triq u *cioè* Triq tal-Mentna kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandhom isiru dawn it-talbiet lil TM.

71.10.09 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar l-*istage* fi Triq Karmenu Ciantar li minkejja li ktibna lil *Malta Public Transport* u lil *Transport Malta* sabiex jikkunsidraw iressqu l-*bus bay* 'l isfel minflok iż-żewġ *parking bays* li jistgħu jitmexxew minflok il-*bus bay*, sal-lum għadu ma sar xejn. Sfortunatament reġa' seħħ inċident ieħor fejn vettura tat-trasport pubbliku laqtet arblu dekorattiv tad-dawl li jinsab biswit l-imsemmi *bus bay*. Fuq din kien hemm qbil li għandna nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tal-*MPT* u ta' *TM*.

71.10.10 Il-Kunsillier Decelis ilmenta dwar it-telqa li hemm fil-Ġnien Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Is-Sindku infurmatu li l-ġonna qed jieħu ħsiebhom regolarment *Derek Garden Centre,* u li hi personalment ikkonfermat li l-ġnien jinsab f'kundizzjoni tajba.

**71.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/71**

71.11.01 Wara li l-iskeda tal-pagamenti nru 08/71 inqrat mis-SE ġie nnutat li għal xi raġuni d-dati tal-*invoices* u xi dettalji oħra fl-iskeda ma kienux qed jidhru korretti u għaldaqstant kien hemm qbil li l-iskeda tiġi rranġata mis-SE qabel ma tiġi approvata.

**71.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

71.12.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024 fis-6:00 pm, immedjatament wara l-laqgħa annwali tal-lokalità.

Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |